MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 592/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Giuseppe Azzopardi ta' 57 sena, iben Salvatore u Francesca nee` Bugeja, imwieled Hal-Lija fis-17 ta' Ottubru 1955, residenti 19, 'Connemara', Triq Pawlu Borg, Attard. Detentur tal-karta tal-identita b'numru 753355M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'Novembru 2011, f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar fi profit ghalih jew ghal persuna ohra is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), li giet fdata lilu taht titolu illi jgib

mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-dannu ta’ Michael Manicolo ID 109662M.

U aktar talli, sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat hallas l-ammont kollu dovut lill-parte leza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli u 293, 294, 310(1)(b), 49 u 50 Kap 9 issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberta that kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------